# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 27 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 424/2024 JPG**
**Kawza nru.: 23**

**AB**
**vs**
**RA**
**u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2024**
**gew nominati Dr Fransina Abela**
**u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati**
**biex jirrappreżentaw lill-assenti RA;**
**u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2025**
**il-Kuraturi nominati gew estromessi**
**u RA assuma l-atti personalment;**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB datat 30 t'Awwissu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti izzewwget nhar il-hdax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (11.05.2012) lil RA u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal RY li twieled nhar W, BA li twieled nhar X, NA li twieldet nhar il-Y u AA li twieldet nhar Z u ghalhekk ghadhom minuri.*

2. *Illi l-partijiet sseparaw de facto fi Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u permezz ta' kuntratt in atti Dr Maria Roberta Galea Mamo fis-sitta u ghoxrin t'April tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (26.04.2023);*

3. *Illi m'hemmx lok illi l-partijiet jergaw jirrikonciljaw stante illi prezentament it-tnejn li huma ghandhom hajja totalment separati;*

4. *Illi prezentament l-esponenti ma tafx fejn jinsab RA u ma hemm l-edba kuntratt bejniethom u allovlja huwa obbligat illi jhallas manteniment mensili ghall-minuri, huwa mhux qieghed ihallas dan l-ammont;*

5. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-11 ta' Mejju tas-sena 2012 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

2. *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;*

3. *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2024 (Vide Fol 20) li permezz tieghu gew nominati Dr Fransina Abela u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interess ta' l-assenti RA.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-24 ta' Frar 2025 (Vide Fol 38) u d-digriet taghha tas-17 ta' Marzu 2025 (Vide Fol 47) fejn ordnat l-estromessjoni tal-Kuraturi Deputati riservati id-drittijiet spettanti lilhom.

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Marzu 2025 (Vide Fol 47), l-intimat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 17)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2012 u li minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, li ghadhom minuri. Iddikjarat illi sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 26 t'April 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo, izda ilhom separati *de facto* minn Frar 2023. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed viva voce (vide Fol 47)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew*

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2012 liema zwieg jgib certifikat numru 771/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo datat 26 t'April 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Gie kostatat in oltre illi l-kontendenti ilhom de facto separati min Frar 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 771/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**